Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAD-DISGHA U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 9 ta' Gunju 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 8.00pm | Sa | 8.30pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN MINBARRA L-EKS SINDKU S-SUR NORBERT PACE.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Skuzat** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Vici Sindku**

**1. MOZZJONI SFIDUCJA**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi rceviet mozzjoni ta' sfiducja ffirmata minn sitta minn sebgha membri tal-Kunsill. Qalet ukoll li fl-istess waqt hi rceviet ir-rizenja tas-Sindku, s-Sur Norbert Pace. Hi kompliet billi qalet li peress li l-mozzjoni titratta l-istess argument allura awtomatikament il-mozzjoni m'hemmx ghalfejn tinqara ghax waqghet wahidha.

Is-Sur Bonnici qal li la giet prezentata ahjar tinqara u wara wiehed jiddiskuti. Ghalhekk is-Segretarju Ezekuttiv qrat il-Mozzjoni susseggwita bl-ittra tar-rizenja tas-Sindku.

Is-Sur John Bonnici qal li xtaq izid xi haga mal-ittra li apparti li hu jinsab iddispjacut fuq dak li nqala wara l-kaz tieghu, wara, meta hu kien rikoverat l-isptar xorta mar izuru. Hu kompla billi qal li din kienet xi haga mhux gejja minnu biss imma mressqa minn kulhadd.

Is-Sur Mark Spiteri zied ma dak li qal is-Sur Bonnici li din il-mossa ma kinetx mossa personali imma kongunta fl-interess tal-komunita'.

Is-Sur Bonnici kompla billi qal li ghalkemm kien urtat bl-atteggjament meta gabulu l-kamera fil-kaz tal-biljetti tas-Super 5 u li hasset l-integrita' tieghu u tal-familja tieghu, kien jinsab iddispjacut u li dak li ghamel ghamlu ghal-lokalita' imma pubblikament jistqarr li hafirlu.

Is-Sur Spiteri qal li kollha gejjin minn partiti differenti imma dejjem hadmu flimkien u jispera li jibqghu jahdmu flimkien madanakollu.

Is-Sur Bonnici qal li s-Sur Pace kien bniedem li kollox kif jghid hu u s-Sur Spiteri kompla billi qal li l-affarijiet qatt ma kienu qed jimxu.

Kien ghalhekk li b'din id-decizjoni u dak li ssussegwa bl-ittra tar-rizenja gie deciz dak propost fil-mozzjoni li minflok is-Sur Norbert Pace jinhatar Sindku gdid u li skond il-Ligi tal-Kunsilli Lokali dan ghandu jkun il-Vici-Sindku prezenti, is-Sur Stefan Cordina.

Kulhadd ferahlu.

**2. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm ghall-15 ta' Gunju 2011 fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| Sindku | Data |